ŻEBBUĠ

Minuti tas-Seduta Nru. 10/12
*Kienet addottata Aġenda nru. 07/2012*

**Iltaqa' fil-bini tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ**

**Data: L-Erbgħa, 29 ta' Awwissu 2012**

**Ħin: Fil-5.30 ta' filgħaxija**

**Preżenti għall-laqgħa:-**

- **Is-Sur Nicky Saliba – Sindku**
- **Is-Sur Mario Cassar – Viċi Sindku**
- **Is-Sur Joseph Camilleri – Kunsillier**
- **Is-Sur Victor Refalo – Kunsillier**
- **Is-Sinjura Maria Saliba – Kunsilliera**
- **Is-Sinjura Diane Tagliaferro – Segretarja Eżekuttiva.**

Sakemm wasal is-Sindku, ippresjeda s-seduta l-Viċi Sindku Mario Cassar.

## 1. TALBA

Intqalet talba mill-Viċi Sindku u ngħata bidu għall-laqgħa.

Kienet osservata minuta silenzju bħala turija ta' rispett għal eks Prim Ministru ta' Malta l-Perit Duminku Mintoff.

## 2. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI LAQGĦAT BIN-NRU. 08-09/12

Billi l-minuti tal-laqgħat bin-nru. 08/12 u 09/12 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

Il-Viċi Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li setgħa kien hemm għall-minuti.

Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

Il-Viċi Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti u staqsa għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu. Minħabba li kien jidher li kulħadd kien favur, dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

## 3. PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI LAQGĦAT BIN-NRU. 08-09/12

Ma tqajjmux punti mill-minuti.

## 4. MINUTI – KUMITAT AMMINISTRATTIV GĦAL MARSALFORN BIN-NRU. 33/12

Il-minuti tal-laqgħa bin-nru. 33/12 tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn ittieħdu bħala konfermata mill-Kunsill.

Is-Sindku daħal u kompla jippresjedi s-seduta.

**ISMIJIET TA' TOROQ**

Il-Kunsill qabel li jitlob lill-Kumitat għall-Ismijiet tat-Toroq biex issir korrezzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern fir-rigward ta' Triq taċ-Ċnus u Triq Sant' Indrija u d-deskrizzjoni taż-żewġ toroq tkun kif inhuma mwaħħlin il-plakki tal-ismijiet – Triq Sant' Indrija – it-triq tal-iskola u Triq taċ-Ċnus - it-triq li tiġi parallel ma' Triq Sant' Indrija u ż-żewġ toroq li jiżbokkaw fi Triq Sant' Indrija.

## 5. KORRISPONDENZA

Sar il-qari ta' din il-korrispondenza:-

Ittra mibgħuta mis-Segretarjat għall-Anzjani u Kura fil-Komunita' dwar il-Premju Anzjan tas-Sena 2012.

| Applikazzjoni għall-permess tal-Kunsill Lokali | Deċiżjoni meħuda mill-Kunsill Lokali |
|---|---|
| Gozo Jeep Tours<br>Attivita' soċjali (lunch) fil-Bajja tax-Xwejni<br>Nhar l-14 ta' Settembru 2012. | Approvata. |

## 6. APPROVAZZJONI TAL-KONTIJIET

Iċ-ċedola tal-pagamenti skeda nru. 05/2012 – DOK A kienet approvata.

Is-Sindku ssospenda l-aġenda biex indirizza lill-Kamra Christian Cassar dwar *double lines* li għamel il-Kunsill fi Triq Sant' Indrija.

## 7. IR-RAPPORT FINANZJARJU TAT-TLETT XHUR APR - ĠUN 2012

Is-Segretarja Eżekuttiva poġġiet fuq il-mejda tal-Kamra r-rapport finanzjarju tat-tlett xhur April - Ġunju 2012. Is-Segretarja Eżekuttiva qrat ir-rapport finanzjarju. Il-Kunsill iddiskuta fit-tul dan ir-rapport.
Il-Kunsill approva r-rapport finanzjarju għax-xhur April - Ġunju 2012.

Is-Segretarja Eżekuttiva għarrfet lill-Kamra li sal-aħħar ta' Lulju 2012 fil-kont tal-UIF tal-Awtorita' dwar l-Ambjent u l-Ippjanar għaż-Żebbuġ kien fadal bilanċ ta' €12,471 u dan minbarra l-flus marbuta mal-ftehim li kien sar għal xogħlijiet ta' stallazzjoni ta' dawl dekorattiv fi Triq Għajn Mhelhel u Triq il-Madonna taċ-Ċiċri li jammontaw għal €18,500.
Il-Kunsill unanimament qabel li jwaqqa' l-kuntratt li għandu mal-Awtorita' dwar l-Ambjent u l-Ippjanar għall-proġett ta' stallazzjoni ta dawl dekorattiv fi Triq Għajn Mhelhel u Triq il-Madonna taċ-Ċiċri u minflok issir applikazzjoni għall-bankina tal-Każin tal-Banda minn dawn il-fondi.

## 8. <u>SEJĦA GĦALL-OFFERTI</u>

KOSTRUZZJONI TA' BANKINA FI TRIQ IL-KNISJA K/M TRIQ ĠOMA

Is-Segretarja Eżekuttiva għarrfet lill-Kamra li kienet intefgħet offerta waħda għall-kuntratt tal-bankina tal-Każin tal-Banda fi Triq il-Knisja k/m Triq Ġoma. Hija qalet li l-offerta mitfugħa hi ta' Joseph Mercieca għall-prezz ta' €18,887.30.
Is-Segretarja Eżekuttiva qrat ir-rapport tal-Perit Scerri dwar l-offerta mitfugħa fejn irrakkomandat li l-kuntratt għandu jingħata lil Joseph Mercieca. Deċiżjoni dwar l-għoti tal-kuntratt ma ttieħdetx pero' kien hemm qbil unanimu fil-Kunsill li din il-bankina ssir.
Il-Kunsilliera Camilleri u Refalo rtiraw mill-Kamra tal-Laqgħat.

## 9. <u>ILMENTI U SUĠĠERIMENTI</u>

Ilment 48/2012 – Tereża Cefai
Talbet biex titwaħħal lampa ġdida ma' *farmhouse* fi Triq il-Kaċċaturi. It-talba ta' Cefai kienet approvata.
Dwar it-talbiet għal lampi ġodda fi Triq Ta' Milied u Triq Skapuċċina (fejn ta' Mangion), is-Segretarja Eżekuttiva qalet infurmata li l-Korporazzjoni Enemalta qed titlob biex isir *underground cable* għal dawn iż-żewġ lampi ġodda. Qalet li kienet talbet lil Galea Curmi Enginering Consultants joħorġu stima tal-ispejjeż biex isiru dawn iż-żewġ lampi.

Ilment 49/2012 – Judith Zammit
Talbet biex jitħammel wied fl-inħawi tal-Kanun. Talba approvata; jagħmel ix-xogħol Richard Axiaq.

Ilment 50/2012 – il-Viċi Sindku Mario Cassar
Għandu talba biex issir *pedestrian crossing* fi Triq il-Knisja. Il-Kunsill approva li ssir *pedestrian crossing* quddiem il-bini tal-Kunsill.

## 10. AFFARIJIET OĦRA

Il-Kunsill qabel li jagħmel sejħa pubblika għall-offerti għal servizzi ta' *handyman* għal xogħlijiet. Id-dokumenti tal-offerta jinbiegħu għall-prezz ta' €30.

## 11. AĠĠORNAMENT

Il-laqgħa ntemmet fit-8.15 ta' filgħaxija. Il-Kunsill aġġorna *sine die*.

Nicky Saliba
Sindku

Diane Tagliaferro
Segretarja Eżekuttiva